

## Mistoqsija għal tweġiba orali O-000133/2012

### Illi-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Renate Weber, Sophia in 't Veld, Alexander Alvaro, Baroness Sarah Ludford, Sonia Alfano, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Cecilia Wikström, Stanimir Ilchev, Leonidas Donskis, Ramon Tremosa i Balcells, Marielle de Sarnez, Jelko Kacin, Ivo Vajgl**  
f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Schengen - kontrolli illegal fil-fruntieri interni

Il-libertà tal-moviment hija prinċipju essenzjali tal-UE, u li dak li jkun jista' jivvjaġġa fi ħdan l-UE mingħajr ma jsirulu kontrolli fil-fruntieri interni hija fost l-aktar kisbiet ta' succcess tagħha.

Spazju mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li jippermetti l-moviment liberu taċ-ċittadini, il-ħaddiema, il-prodotti u s-servizzi huwa essenzjali għas-suq uniku u għall-isforzi kontinwi tal-Ewropa biex tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku.

Sfortunatament, l-isfidi għal Schengen qed ikomplu jikbru fl-Istati Membri. Għal darb' oħra, reġgħu tqajmu l-menti rigward l-eżistenza ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Din id-darba, l-ilmenti, akkumpanjati minn data dettaljata, jikkonċernaw il-kontrolli li l-awtoritajiet Ġermaniżi qed jagħmlu sistematikament fuq xarabankijiet Ċeki fl-inħawi tal-fruntiera. Skont l-istatistika ppreżentata fi Frar 2012, madwar 55.3 % tax-xarabankijiet li jgħaddu mill-Ġermanja jsirulhom kontrolli.

Sadattant, fil-11 ta' Mejju 2012, Qorti Olandiża ddeċidiet li l-kontrolli mwettqa mill-1 ta' Ġunju 2011 mill-awtoritajiet Olandiżi skont il-'Mobiel Toezicht Veiligheid' fuq il-bażi tal-Artikolu 4(17)(a) tal-'Vreemdelingenbesluit 2000' għandhom l-istess effetti bħal kontrolli tal-fruntiera u huma ksur ċar tar-regoli ta' Schengen, speċifikament tal-Artikoli 20 u 21 tal-Kodiċi tal-Frontieri ta' Schengen.

Il-Kummissjoni taf b'dawn il-fatti? Wara xhur ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni lesta li tieħu pożizzjoni fir-rigward tal-kontrolli mal-fruntiera Daniżza u tiftaħ prċedimenti ta' ksur, skont l-Artikolu 258 tat-TFUE, kontra kull pajjiż li jikser b'mod ċar ir-regoli ta' Schengen?

X'passi bi ħsiebha tieħi l-Kummissjoni fir-rigward tal-governanza ta' Schengen fid-dawl ta' serje ta' inċidenti – inkluża t-tilwima Franko-Taljana dwar il-migranti Tuneżini li waslet għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli qrib Ventimiglia, u l-pjan Daniż li jdañha mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri interni – li ilhom iseħħu matul dawn l-aħħar sentejn? Il-Kummissjoni se taċċetta li l-proposti dwar il-governanza ta' Schegen ġew devjati mid-deċiżjoni tal-Kunsill li timmodifika l-bażi legali tal-proposta dwar il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni għaż-żona?

Imressqa: 26.6.2012

Mgħoddija: 28.6.2012

L-iskadenza għat-tweġiba: 5.7.2012